C/2025/6772

23.12.2025

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-18 ta' Novembru 2025

dwar proposta għal pakkett ta' simplifikazzjoni fiskali li fih bidliet immirati għal ċerti regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni

(CON/2025/37)

(C/2025/6772)

Introduzzjoni u bażi legali

Fis-17 u t-22 ta' Ottubru 2025, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talbiet mill-Kunsill tal-Unjoni Ewopea u l-Parlament Ewropew, rispettivament, għal opinjoni dwar (a) proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011 u (UE) Nru 473/2013 fir-rigward tal-allinjament mal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE u s-simplifikazzjoni ulterjuri ta' dak il-qafas [1] (minn hawn "il quddiem ir-'regolament propost li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011 u (UE) Nru 473/2013'"); u (b) proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 472/2013 dwar is-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom [2] (minn hawn "il quddiem il-'regolament propost li jemenda r-Regolament (UE) Nru 471/2013'").

Barra minn hekk, fis-17 ta' Ottubru 2025, il-BĊE rċieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 dwar arranġamenti ta' finanzjament u l-użu ta' strateġija ta' finanzjament diversifikat [3] (minn hawn "il quddiem ir-'Regolament propost li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002'", u flimkien mar-Regolament propost li jemenda r-Regolamenti UE) Nru 1173/2011 u (UE) Nru 473/2013 u r-regolament propost li jemenda r-Regolament (UE) Nru 472/2013, ir-"regolamenti proposti'").

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea peress li r-regolamenti proposti huma rilevanti għall-objettiv ewlieni tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet, kif imsemmi fl-Artikoli 127(1) u 282(2) tat-Trattat u l-Artikolu 2 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Skont l-Artikolu 17.5, l-ewwel sentenza, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

1. Osservazzjonijiet ġenerali

1.1. Il-BĊE jilqa' r-regolamenti proposti, li jinkludu bidliet meħtieġa u mmirati għal ċerti regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni speċifiċi għaż-żona tal-euro. Dawn il-bidliet għandhom l-għan li jiżguraw l-allinjament ta' dawn tal-aħħar mar-riforma komprensiva tal-governanza ekonomika tal-Unjoni għall-Unjoni kollha adottata f'April 2024 [4]. Fil-fatt, l-elementi tal-governanza ekonomika tal-Unjoni speċifiċi għaż-żona tal-euro koperti mir-regolamenti proposti ma kinux ġew inklużi f'dik ir-riforma komprensiva u għalhekk għandhom jingħiebu f'konformità magħha. Ir-regolamenti proposti għandhom ukoll l-għan li jnaqqsu r-rekwiżiti ta' rapportar għall-Istati Membri inkluż l-evitar ta' xi duplikazzjoni tar-rapportar.

[1] COM(2025) 591 finali.
[2] COM(2025) 593 finali.
[3] COM(2025) 595 finali.
[4] 4 Inkluż ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj), ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264 tad-29 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L, 2024/1264, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1264/oj) u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1265 tad-29 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqsfa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L, 2024/1265, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1265/oj.

1.2. B'mod aktar speċifiku, ir-regolamenti proposti jinvolvu, fost l-oħrajn, il-bidliet li ġejjin biex jiġi żgurat l-allinjament mar-riforma tal-2024: (a) dispożizzjonijiet komuni dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċits eċċessivi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro; (b) sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità tal-Istati Membri taż-żona tal-euro mar-regoli ta' governanza ekonomika; u (c) dispożizzjonijiet dwar sorveljanza msaħħa għall-Istati Membri taż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom jew li jirċievu assistenza finanzjarja, u sorveljanza ta' wara l-programm. Dan l-allinjament se jikkontribwixxi għar-robustezza tal-governanza ekonomika tal-Unjoni b'mod ġenerali. Kif diġà ġie ddikjarat fl-opinjoni tal-BĊE dwar dik ir-riforma, qafas sod tal-Unjoni għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politika ekonomika u fiskali huwa fl-interess profond u kbir tal-Unjoni Ewropea, tal-Istati Membri u, b'mod partikolari, taż-żona tal-euro ([5]).

1.3. Il-kjarifika u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri u tal-obbligi ta' rapportar, kif previst fir-regolamenti proposti, se jtejbu wkoll l-effiċjenza tas-sorveljanza ekonomika u fiskali u jnaqqsu l-piż tar-rapportar fuq l-Istati Membri.

1.4. Fir-rigward, b'mod partikolari, tas-sorveljanza msaħħa, il-BĊE jilqa' l-kjarifika li l-applikazzjoni tiegħu għal Stat Membru taż-żona tal-euro li jirċievi assistenza finanzjarja prekawzjonarja hija marbuta b'mod espliċitu ma' tali assistenza finanzjarja prekawzjonarja li tirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' politika ġodda mill-Istat Membru. Dan ikun il-każ irrispettivament minn jekk l-assistenza finanzjarja prekawzjonarja tingħatax taħt linja ta' kreditu b'kundizzjonijiet imsaħħa (ECCL) tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), li tinkludi per se tali rekwiżit ta' adozzjoni ta' miżuri ta' politika ġodda, jew taħt strument ieħor ta' assistenza finanzjarja prekawzjonarja ([6]). Din il-kjarifika se teskludi mill-applikazzjoni tas-sorveljanza msaħħa l-Istati Membri taż-żona tal-euro li jibbenefikaw minn assistenza finanzjarja prekawzjonarja li għaliha ma hija meħtieġa l-ebda miżura ta' politika ġdida. Barra minn hekk, għal strumenti futuri possibbli ta' assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-MES, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk l-applikazzjoni ta' sorveljanza msaħħa hijiex fl-aħħar mill-aħħar iġġustifikata. Il-BĊE jilqa' din is-sistematizzazzjoni tal-applikazzjoni jew l-esklużjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Istati Membri taż-żona tal-euro li jirċievu assistenza finanzjarja prekawzjonarja. Il-BĊE jilqa' wkoll il-fatt li r-regolamenti proposti jiċċaraw l-objettiv u l-kamp ta' applikazzjoni tas-sorveljanza ta' wara l-programm, u jissimplifikawha, filwaqt li jżommu valutazzjoni effettiva tar-riskji ta' ħlas lura.

1.5. Fl-aħħar nett, ir-regolamenti proposti jallinjaw ukoll l-arranġamenti li jappoġġaw l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lil Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro li qed jiffaċċjaw diffikultajiet fil-bilanċ tal-pagamenti mal-istrateġija ġenerali ta' finanzjament diversifikat tal-Unjoni attwalment fis-seħħ, li l-BĊE jilqa' wkoll.

2. **Osservazzjonijiet speċifiċi**

2.1. *Regolament propost li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011 u (UE) Nru 473/2013*

Il-BĊE jilqa' l-emendi proposti għar-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011 u (UE) Nru 473/2013 peress li jiżguraw l-allinjament ta' dawn ir-regolamenti mad-dispożizzjonijiet u l-loġika u l-approċċ ġenerali tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni. L-iżgurar tal-konsistenza tul id-diversi regolamenti li minnhom huwa magħmul il-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni se tikkontribwixxi għal aktar ċarezza u trasparenza, li huma vitali għall-implimentazzjoni effettiva tal-qafas riformat.

2.2. *Regolament propost li jemenda r-Regolament (UE) Nru 472/2013*

2.2.1. Kif indikat fil-paragrafu 1.4, il-BĊE jilqa' l-kjarifiki li jikkonċernaw l-emendi proposti għar-Regolament (UE) Nru 472/2013. Skont il-premessa 8, Stat Membru taż-żona tal-euro li jirċievi assistenza finanzjarja fuq bażi prekawzjonarja minn Stat Membru wieħed jew diversi, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja, il-MES, jew istituzzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra, bħall-Fond Monetarju Internazzjonali, li jirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri ta' politika ġodda, għandu jkun soġġett għal sorveljanza msaħħa, inkluż jekk dik l-assistenza

([5]) Ara l-osservazzjonijiet ġenerali fl-Opinjoni CON/2023/20 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Lulju 2023 dwar proposta għal riforma tal-governanza ekonomika fl-Unjoni (ĠU C 290, 18.8.2023, p. 17). L-opinjonijiet kollha tal-BĊE huma ppubblikati fuq EUR-Lex.

([6]) Ara l-premessa 8 tar-regolament propost li jemenda r-Regolament (UE) Nru 472/2013.

finanzjarja għadha ma ġietx irtirata. Il-premessa tiċċara wkoll li MES ECCL tirrikjedi tali miżuri ta' politika ġodda u, għalhekk, Stat Membru li jirċievi din l-assistenza finanzjarja fuq bażi prekawzjonarja għandu jkun soġġett għal sorveljanza msaħħa. Fl-aħħar nett, il-premessa 8 tiċċara li fir-rigward ta' strumenti ġodda ta' assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-MES, il-Kummissjoni għandha tivvaluta każ b'każ jekk hemmx verament tali miżuri ta' politika ġodda marbuta mal-istrument il-ġdid użat f'dak il-każ u jekk ir-riċeviment ta' tali assistenza finanzjarja minn Stat Membru jiġġustifika l-applikazzjoni ta' sorveljanza msaħħa.

2.2.2. Ukoll, kif indikat fil-paragrafu 1.4, il-BĊE jilqa' l-inserzjoni proposta fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 ta' dispożizzjoni li tiċċara l-objettiv u l-kamp ta' applikazzjoni ta' sorveljanza ta' wara l-programm bħala l-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' (a) il-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas lura l-assistenza finanzjarja riċevuta, b'kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika, baġitarja u finanzjarja tiegħu; (b) l-implimentazzjoni ta' kwalnunwe riformi inklużi fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku jew il-kondizzjonalità li fuqha hija bbażata l-assistenza finanzjarja prekawzjonarja riċevuta; u (c) il-ħtieġa ta' miżuri korrettivi biex jiġu mitigati riskji tal-Istati Membri kkonċernati li jħallsu lura l-assistenza finanzjarja riċevuta ([7]). Missjonijiet ta' rieżami u l-komunikazzjoni tal-valutazzjoni riżultanti mill-Kummissjoni lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewroprew, lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u lill-parlament tal-Istati Membru kkonċernat għandhom jibqgħu jseħħu, b'koordinazzjoni mal-BĊE u, bħala regola, kull sitt xhur.

2.2.3. Il-BĊE jilqa' wkoll l-inserzjoni proposta ta' dispożizzjoni ġdida oħra fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, li tippermetti lill-Kummissjoni tissospendi l-applikazzjoni tas-sorveljanza ta' wara l-programm ħames snin wara l-bidu tal-applikazzjoni tiegħu, għal perjodu ta' ħames snin, soġġett għal valutazzjoni speċifika li l-Kummissjoni tista' tħejji dwar il-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas lura l-assistenza finanzjaja riċevuta, li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni għandha tieħu kont ċerti ċirkostanzi stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni ġdida proposta ([8]). Il-BĊE jinnota li huwa mhuwiex mistenni li jaġixxi b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tal-valutazzjoni tagħha jew id-deċiżjoni dwar is-sospensjoni tas-sorveljanza ta' wara l-programm. Missjonijiet rilevanti għandhom, madanakollu, iseħħu b'kuntatt mal-BĊE, b'mod simili għall-missjonijiet ta' rieżami ta' wara l-programm.

2.2.4. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([9]) (minn hawn "il quddiem ir-'Regolament MSU'") kien għadu ma ġiex adottat fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni li rriżultat fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 472/2013. Barra minn hekk, l-opinjoni tal-BĊE dwar dik il-proposta tal-Kummissjoni ([10]) ġiet adottata fis-7 ta' Marzu 2012, sew qabel il-finalizzazzjoni tar-Regolament MSU u qabel ma l-BĊE ħa l-kompiti kkonferiti lilu bir-Regolament MSU tal-4 ta' Novembru 2014. Il-BĊE jilqa' r-referenza espliċita fir-regolament propost għall-interazzjoni bejn ir-Regolament MSU min-naħa waħda, u r-rwoli tal-BĊE bħala superviżur u tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti fi ħdan is-sorveljanza msaħħa ([11]) taħt l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 min-naħa l-oħra.

2.3. *Regolament propost li jemenda r-Regolament (UE) Nru 332/2002*

2.3.1. Il-BĊE jilqa' r-regolament propost li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002, li jimmira li jissimplifika l-arranġamenti għall-finanzjament tal-faċilità għall-bilanċ tal-pagamenti favur Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro u jżid l-effiċjenza u l-kost-effettività.

([7]) Ara l-Artikolu 1, il-punt (9)(b), tal-emendi proposti għar-Regolament (UE) Nru 472/2013, li jdaħħal Artikolu 14(1a) ġdid fir-Regolament (UE) Nru 472/2013.

([8]) Ara l-Artikolu 1, il-punt (9)(d), tal-emendi proposti għar-Regolament (UE) Nru 472/2013, li jdaħħal Artikolu 14(2a) ġdid fir-Regolament (UE) Nru 472/2013.

([9]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1024/oj).

([10]) Ara l-Opinjoni CON/2012/18 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Marzu 2012 dwar governanza ekonomika msaħħa għaż-żona tal-euro (ĠU C 141, 17.5.2012, p. 7).

([11]) Il-BĊE jinnota li l-Artikoli 7(4) (programm ta' sorveljanza) u 14(2) (sorveljanza ta' wara l-programm) tar-Regolament (UE) 472/2013, ikollhom, wara l-emenda bir-regolament propost li jemenda r-Regolament (UE) Nru 472/2013, jirreferu għall-Artikolu 3(3).

2.3.2. Il-metodu għall-finanzjament tal-faċilità tal-Unjoni huwa attwalment ibbażat fuq finanzjament *back-to-back*, li skontu l-Kummissjoni twettaq operazzjonijiet tas-suq ibbażati fuq ir-rekwiżiti ta' kull sitwazzjoni ta' self speċifika. Dan ifisser li kull tranżazzjoni ta' self mill-Kummissjoni hija marbuta direttament ma' bżonn ta' nfiq. Ir-regolament propost li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002 ibiddel il-metodu ta' finanzjament tal-faċilità lejn strateġija ta' finanzjament diversifikat, billi jagħmlu konformi mal-istrateġija ta' finanzjament diversifikat unifikat li topera attwalment.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Novembru 2025.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE